MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 15/2012

Paul Mompalao

-vs-

Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fl-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) illi permezz tieghu l-attur talab hlas ta' danni minghand il-korporazzjoni konvenuta, wara allegati danni sofferti minnu fuq il-vettura tieghu wara li din habtet ma' tappiera tad-drenagg li nqalghet bl-ilma tax-xita stante illi ma kinitx tiflah ghall-ilmijiet.

Ra ir-risposta tal-korporazzjoni konvenuta fejn bl-ewwel eccezzjoni giet kkontestata l-kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jaqta u jiddeciedi din il-vertanza. L-eccezzjonijiet l-ohra kienu fil-mertu.

Ra' l-atti kollha tal-kawza, inkluz n-nota ta' riferenzi ta' l-attur (Il-korporazzjoni konvenuta baqghet ma prezentat l-ebda nota kif kellha l-jedd li taghmel).

Ra d-digriet tieghu tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi b'din l-ecccezzjoni il-Korporazzjoni konvenuta qed tghid illi l-kompetenza biex jigi trattat u deciz il-kaz odjern tvesti fic-Centru ta' l-Arbitragg skond il-Kap 387.

Fir-raba skeda tal-Kap 387 jinghad hekk:-

*It-tilwimiet hawn izjed 'l isfel imsemmija fit-Taqsima A ghandhom jigu determinati b'arbitragg u ghandhom jittiehdu f'arbitragg taht ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b'zieda ma' dawk ir-regoli li jistghu jigu mahruga mic-centru minn zmien ghal zmien.*

*Taqsima A*

*……………...*

*1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi ta' l-elettriku u ta' l-ilma*

*Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista ta' l-energija elettrika, kera ta' meter ta' l-elettriku, jew kull servizz provdut mill-Korporazzjoni Enemalta, u kull tilwima marbuta mas-servizzi ta' l-ilma, bla hsara, fejn dan japplika, ghad disposizzjonijiet ta' l-artikolu 466 tal-Kodi`i ta' Organizzazzjoni u Procedura civili, ghad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni ghas- Servizzi ta' l-Ilma, u ghad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista ta' l-Elettriku u r-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' Ilma:*

*Izda l-konsunaturi jkollhom jedd jipprezentaw it-talbiet taghhom kontra l- Korporazzjoni Enemalta jew il-Korporazzjoni g]as-Servizzi ta' l-Ilma, kif ikun il-kaz, skond il-procedura stabbilita b'dan l-Att:*

*Izda wkoll, minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra u minghajr pregudizzju ghal kull kawza pendenti, it-Tribunal ta' l-Arbitragg ikollu gurisdizzjoni eskluziva li jittratta dawn il-kazijiet.*

Qabel xejn jibda biex jigi osservat illi l-ligi ssemmi biss kwistjonijiet relatati ma' servizzi ta' elettriku u servizzi ta' ilma. Il-ligi ma ssemmix servizzi tad-drenagg. Ligi bhal din, li qed tohloq eccezzjoni ghan-norma legali u tillimita l-kompetenza tat-Tribunali u Qrati ordinarji ghandha minn natura taghha tinghata interpretazzjoni restrittiva u mhux wahda lata kif qed tipprova taghmel il-korporazzjoni konvenuta. Ghalhekk f'kaz fejn il-mertu ta' l-incident huwa tappiera tad-drenagg u mhux ta' xi servizzi ta' ilma jew elettriku kif provdut fil-ligi,  ma jistax jinghad illi dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti.

Ma hija xejn logika l-interpretazzjoni moghtija mill-korporazzjoni konvenuta li tifthiem fis-sens illi qisu li l-ligi qed taghti xi brevett lill-korporazzjoni konvenuta li kull meta tisfa' mharrka din trid tigi mharrka fi proceduri ta' arbitragg.

Dat dan kollu dan it-Tribunal jemmen ukoll illi anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument wiehed kellu b'xi tigbid ta' immaginazzjoni  idahhal is-servizzi tad-drenagg taht is-servizzi ta' l-ilma, xorta wahda l-provedimenti tal-Kap 387 ma japplikawx. Dan it-Tribunal jemmen illi l-provediment tal-ligi jirreferi ghall-kwistjonijiet dwar is-servizzi ta' l-ilma u elettriku nfushom mal-konsumatur, u ma jirreferix ghall-kwistjonijiet ta' danni wara incident bhal ma hu l-kaz odjern. Bhal ma gia gie osservat  kull eccezzjoni ghan-norma trid tigi nterpretata restrittivament. Zgur li ma kinitx l-intenzjoni tal-legislatur illi jinkludi taht il-kappa tal-Kap 387 kwistjonijiet li jmorru lil hemm mis-servizz innifsu. Lanqas ried il-legislatur illi jaghti xi immunita mill-Qrati u mit-Tribunali ordnarji lil korporazzjonijiet ta' l-ilma u ta' l-

elettriku. Dak li ried il-legislatur fil-Kap 387 kien li johloq mekkanizmu spedituz u efficcjenti biex jigu decizi tilwimiet dwar il-konsum ta' l-ilma u l-elttriku li min natura taghhom huma tilwimiet urgenti stante illi si tratta ta' servizzi ta' natura bazika. Ir-ragunament ta' dan it-Tribunal isib ukoll komfort fis-sentenza fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma (Qorti tal-Magistrati [Malta] -30 ta' Ottubru 2007).

Ghal dawn il-motivi dan it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni Konvenuta bl-ispejjes ta' din is-sentenza preliminari u tan-nota ta' referenzi prezentata minn l-attur kontra l-istess konvenuta. Jordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------